# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 10 ta' Dicembru, 2001**

**Numru**

**Avviz numru: 888/01mm**

**Vernon's Food Manufacturing and Trading Limited**

**vs**

**V. J. & Ant. Borg Co. Limited**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' elf, tmien mija u tlieta u sebghin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm1,873.50) ammont dovut mis-socjeta' konvenuta lis-socjeta' attrici wara bejgh u konsenja ta' merkanzija.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-30 ta' Marzu, 2001, u tal-Mandati ta' Qbid u ta' Sekwestru pprezentati kontestwalemnt u bl-interessi mit-30 ta' Marzu, 2001, kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx, la fil-5 ta' Dicembru, 2001, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

Anthony Zammit

Deputat Registratur